**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia B.A., LL.M(Kent)., LL.D**

**Illum il-20 ta' April 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs.**

**Nicholai Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Nicholai Azzopardi ta' 36 sena, bin Joseph u Mary nee' Farrugia, imwieled Il-Pieta', fil-31 ta' Awissu 1984, residenti Dar Papa Frangisku, Triq Fluer De Lys, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 420784M

Billi huwa akkuzat talli : nhar it-12 ta' Dicembru 2020 ghal habta tal-04:00hrs gewwa , stabbiliment li jgib l-isem La Siciliana li jinsab fi Triq L-Imdina , Attard u f' dawn il-Gzejjer ikkommetta serq liema serq huwa kkwalifikat, bil-hin ghad-detriment ta' Jolanda Paolini u/jew persuni ohra.

U aktar talli: fil-lejl ta' bejn it-12 u 13 ta' Dicembru 2020 gewwa , Costa Coffee, Triq l-Intornjatur, Zona Industrijali l-Imriehel , fil-limiti ta' Birkirkara u f' dawn il-gzejjer, ikkommetta serq liema serq huwa kkwalifikat, bil-mezz u bil-hin ghad-detriment ta' Costa Coffee u/ jew persuni/ entitajiet ohra.

u aktar talli: fl-istess ,lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mitejn u hamsin euro (250 euro) izda mhux aktar minn elfejn u hames mitt euro (2,500 euro) ghad-detrimemt ta' Costa Coffee u/jew persuni/ entitajiet ohra.

U aktar talli : nhar it-28 ta' Dicembru 2020 ghal habta tas-2:00hrs gewwa , EETWELL li jinsab fi Triq is- Salib tal-imriehel , Birkirkara u f' dawn il-gzejjer, ikkommetta serq liema serq huwa kkwalifikat, bil-mezz, bil-hin u l-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Gary Falzon u/jew persuni ohra

u aktar talli: fl-istess ,lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mitejn u hamsin euro ( 250euro) izda mhux aktar minn elfejn u hames mitt euro ((2500 euro) ghad-detrimemt ta' Gary Falzon u/jew persuni ohra.

Finalment huwa akkuzat ta talli ikkommetta reat ta' natura volontarja li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' liberazzjoni taht kundizzjoni, ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, imposta fuqu b'sentenza f'Settembru 2020, mill-Qorti tal-

Magistrati (Malta), Magistrat Dr Yana Micallef StafraceLL.D, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat li waqt is-seduta tal-31 ta' Dicembru 2020, l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncieditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat li d-difiza talbet sabiex jigi mhejji *pre-sentencing report,* u wara li l-Qorti laqghet it-talba, dan ir-rapport gie mhejji u pprezentat minn ufficjal tal-*probation u parole*.

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-istess udjenza tat-8 ta' April 2021.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz irrizulta meta l-imputat gie imressaq tali wettaq diversi serqiet tul ix-xhar ta' Dicembru tas-sena 2020 fejn seraq diversi oggetti minn diversi negozji u ikkaguna wkoll certu hsarat.

**Ikkunsidrat**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tal-31 ta' Dicembru 2020 din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti:

1. L-imputat ibaghti minn vizzju serja tad-droga u li kien sforz ta' dan il-vizzju li hakmu li wasslu sabiex jaghmel dawn is-serqiet;
2. L-imputat sal-gurnata tal-lum ghandu sentenza wahda registrata kontrih, liema sentenza tirrigwardja serq sabiex imanti l-vizzju tad-droga tieghu;
3. Semghet lil-missier l-imputat jiddikjara li kemm ilu l-habs l-imputat, ir-relazzjoni taghhom tjibet u lest li jaccetta lil ibnu lura f'daru bil-kundizzjoni espressa li jsegwi programm tad-droga mil-bidu sa' l-ahhar u johrog mid-dar biss meta ikun akkumpanjat minn missieru, liema kundizzjonijiet gew accettati mill-imputat.
4. Semghet rapprezentant tal-Caritas tiddikjara li l-imputat ghandu vizzju tad-droga u li l-imputat inghata post gewwa l-Caritas sabiex jibda programm. Illi dan il-programm jibda f'nofs Mejju u dment li ma jkunx

qed jiskonta piena karcerarja l-imputat ghandu post garantit sabiex jibda l-programm ta' riabilitazzjoni.

5. Rat il-*pre sentencing report* redatt mill-ufficjal tal-probation li biha jinforma li l-imputat ikkoopera matul l-investigazzjoni. Illi kien diga temm b'success programm residenzjali kontra l-vizzju tad-droga izda rega' beda jabbuza matul l-ahhar fazi meqjusa bhala rientegrazzjoni lura fis-socjeta'. Dan wassal sabiex spicca minghajr akkomodazzjoni fissa kif ukoll minghajr l-ebda kuntatt mal-membri tal-familja. Illi dan kien l-ewwel mument li wasslu sabiex ixellef dufrejh mal-gustizzja.
6. Minn l-istess *pre sentencing report* irrizulta li l-imputat lest li jhallas l-kumpens b'rati mensili u less li jippartecipa fi process ta' medjazzjoni u dan sabiex jitlob skuza lill-vittmi involuti.

**Decide**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(1)(f), 281(a), 261(b)(f), 278(1)(2), 325(1)(b), 261(b)(c)(f), 279(a), 280(1)(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali kif ukoll wara li rat l-Artikoli 7, 22 u 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib, lil Nicholai Azzopardi, hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Illi kwantu ghall-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja f'dan l-istadju ma hix ser thalli il-frott illi wieħed jkun qed jistenna anzi il-kuntrarju. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi mehtiega u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa nteress tas-socjeta u tal-imputat innifsu li il-hati jitqieghed taht ordni ta' probation.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tpoggi lill-hati Nicholai Azzopardi taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett snin (3) millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-hati jitqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati Nicholai Azzopardi taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u jinghata assistenza psikologika sabiex ikun jista jindirizza s-sahha mentali tieghu jekk hekk mehtieg.

Il-hati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordnijiet.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Fir-rigward is-sitt imputazzjoni, din il-Qorti qeghda taghzel li ma tittrattax mal-akkuzat ghar-reat li dwaru kien liberat bil-kundizzoni li ma jwettaaqx reat iehor skond is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2020.

In vista tal-fatt li l-prosekuzzjoni ma indikatx b'mod car il-valur tal-hsara li saret lill-vittmi, kif ukoll il-valur preciz ta' l-oggetti misruqa din il-Qorti ma tistax taghti ordni a tenur tal-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artiklu 15A u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 23(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti li servew jew li kienu mahsub li jservu sabiex issir id-delitt.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum il-20 ta' April 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**